MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 507/2003/1

**Nazzareno Abela**

**vs**

**Samuel *sive* Sammy Abela**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Marzu, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,495.00c (elf, erba' u hamsa w erbghin lira Maltin) rapprezentanti danni in konnessjoni ma' incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Settembru 2002 fi Triq il-Gudja,

Tarxien bejn il-vetturi LGY 302 proprjeta' ta' l-attur, u DBF 872 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut ikkontesta t-talba u eccepixxa li l-attur kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' x-xhieda.

Ikkunsidra

Illi mix-xhieda tal-partijiet fil-kawza, huwa stabbilit li l-incident bejn il-vettura LGY 302 u DBF 872 sehh fi Triq il-Gudja, meta l-konvenut li kien gej minn tal-Barrani ried idur fuq il-lemin tieghu lejn Lazda Supermarket, ghalhekk waqaf sakemm ighaddu l-karozzi li kienu gejjin mid-direzzjoni opposta, jigifieri min-naha tal-Gudja.  Illi, l-partijiet pero ma qablux dwar il-pozizzjoni li kienet tinsab il-vettura misjuqa mill-konvenut fil-mument ta' l-incident, peress li l-konvenut qal li kien qed jistenna biex idur "naqra aktar 'il gewwa u cjoe naqra aktar fuq ix-xellug milli kif spiccajt fuq l-iskizz", jigifieri li l-vettura li kien qed isuq hu ma kienetx fil-kareggjata ta' dawk il-vetturi li jkunu sejrin lejn tal-Barrani.  L-attur qabel ma' l-iskizz.

Illi meta mistoqsi fejn sehh il-*point of impact* bejn iz-zewg vetturi, l-attur indika li l-incident sehh meta l-vettura DBF 872 kienet dige fil-kareggjata tan-naha tal-lemin.  Illi PS 1429 Eric Mangion, il-pulizija li nvestiga l-incident, meta mistoqsi fejn sehh l-impatt, indika li l-incident sehh fl-istess post li ndika l-attur.

Meta spjegaw x'gara lill-pulizija l-partijiet qalu kif gej:
L-attur qal:  "Kont ghaddej minn Triq il-Gudja, Tarxien gej min-naha tal-Gudja sejjer lejn tal-Barrani meta f'daqqa wahda vettura DBF 872 qasmet quddiemi ghan-nofs it-triq u sehhet il-habta."

Il-konvenut qal: “Kont gej minn tal-Barrani waqaft fi Triq il-Gudja, Tarxien bl-indicator tal-lemin mixghul biex nuri li ser nikser lejn il-Lazda Supermarket, meta f’daqqa wahda giet vettura LGY 302 min-naha tal-Gudja bi speed kbir u habat go fiha.”

F’dan il-kuntest, *The Highway Code* f’paragrafu 197 ighid “*if you wish to turn right, steer your vehicle as much as is prudently possible to the centre of the road without, however, encroaching on the other side of the road.”*

Illi mill-iskizz u mix-xhieda ta’ l-attur li giet ikkorraborata mill-PS 1429, il-vettura DBF 872 kienet mahruga fuq in-nofs l-iehor tat-triq minn fejn kienet gejja l-vettura LGY 302.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza “Il-Pulizija Vs Borg” (Vol XXXVI) “ghalkemm driver ghandu joqghod attent sija jekk ikun fuq it-triq dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer fiha, huwa intuittiv, u hu principju affermat f’diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi driver li sejjer jidhol fi triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak id-driver fuq it-triq dritta, ghas-semplici raguni li hu jkun sejjer jaqsam is-“stream of traffic” li jkun hemm fuq it-triq id-dritta.” Ara ukoll “Thomas Smith Agencies Ltd Vs Giovanni Bonnett (Magistrati 23/7/2003MM).”

F’dan il-kaz il-kawza prossima ta’ l-incident kien li l-konvenut saq ghal fuq il-lane ta’ l-attur minghajr ma ha l-prekawzjonijiet necessarji.

Id-danni ma gewx kontestati.  Gew esebiti l-ircevuti u jidhru ragunevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkudanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta’ Lm1,495.00c (elf, erba’ mija u hamsa w erbghin lira Maltin) lill-attur.  Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz (13 ta’ Marzu 2003).”

Huma tnejn l-aggravji tal-konvenut fil-konfront ta' din is-sentenza. Ta' l-ewwel jikkontjeni kritika tar-ragonament tat-Tribunal li addebita l-htija lilu ghall-kollizjoni. Tat-tieni jirrigwarda l-kwantum tad-danni kanonizzati;

Jibda biex jigi puntwalizzat bhala osservazzjoni primarja "*per modum regulae*" illi f' kazijiet ta' din ix-xorta, koinvolgenti skontru bejn zewg vetturi, kull gudizzju ghandu jigi affrontat fuq ic-cirkostanzi tieghu partikulari kif pruvati;

Bla dubju r-ricerka biex tigi ndagata u stabbilita l-htija trid tkun indirizzata lejn dawk il-fatturi ewlenin li jkunu kkagunaw jew ikkontribwew biex il-habta ssehh. Din il-Qorti gharblet bir-reqqa l-provi akkwiziti u fir-rigward tittanta tislet minnhom dawn il-fatturi sinifikattivi:-

(1) l-i<u>*spot of impact*</u> stabbilit minn PS 1429 Eric Mangion (fol. 42) fuq l-iskizz preparat minnu u ndikat minnu bl-ittra 'X' (fol. 49);

(2) il-<u>*brake marks*</u> tul ta' sbatax (17) il metru, li jistghu jkunu prova materjali ta' siwi mhux biss in kwantu jaghtu ndikazzjoni tal-velocita` tas-sewqan tax-xufier Anthony Degabriele imma wkoll ghax jindikaw fejn dan kien qed isuq. *Brake marks* li *ictu oculi* mill-ezami ta' l-i*sketch* mhumiex dritti u jistghu jkunu korroborattivi tat-topografija tat-triq, li skond is-Surgent li nvestiga l-incident, "mhijiex dritta ghal kollox" (fol. 43) kif ukoll tal-fatt li l-attur allarma ruhu li l-kareggjata minn fejn kien ghaddej kienet ostakolata, almenu fejn sehh l-incident; kompriz f' dan it-"*thinking distance*";

(3) id-<u>daqqiet fuq iz-zewg vetturi</u> kif manifest fir-ritratti esebiti. Dawk fuq l-*car* ta' l-attur a fol. 27 u fol. 28; dawk fuq il-*car* tal-konvenut a fol. 52.

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa l-assjem ta' dawn il-fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ghad-

determinazzjoni tar-responsabilita` ghall-kollizjoni in ezami;

Il-konvenut appellanti jittanta jaddossa din ir-responsabilita fuq l-attur appellat minhabba s-sewqan ezagerat ta' dan. Indiskutibilment, il-mod ta' l-impatt - skontru mal-*car* tal-konvenut, habta ma' vettura stazzjonarja u indettraggjament lura tal-*car* (ara xhieda ta' Samuel Abela, *senior*, a fol. 44) - huwa certament indikattiv ta' velocita` qawwija. Cionostante, u apparti l-fatt li ma ngiebet ebda prova ta' *speed* regolametari eccessiv ghal-lokalita` fejn sehh l-incident, dan ma jgibx *a priori* u ghal daqshekk biss illi l-kawza prossima u immedjata ta' l-iskontru kienet *per forza* l-velocita` fis-sewqan da parti tas-sewwieq Anthony Degabriele. Fil-hsieb ta' din il-Qorti ghalkemm l-i*speed* ta' dan is-sewwieq seta' jitqies eccessiv u tali wkoll li ma ppermettielux jirreagixxi tempestivament, dan ma kienx il-fattur determinanti;

Fuq il-bazi tal-fatturi fuq delinejati hi l-fehma tal-Qorti li dik li kienet verament il-kawza prossima u mmedjata ta' l-incident kien is-sosta tal-vettura tal-konvenut f' arterja principali tat-traffiku, kif del resto rikonoxxut mix-xhud Samuel Abela *senior*, liema sost ikkreja ostakolu inaspettat ghall-vetturi gejjin fit-triq principali minn fuq ix-xellug tieghu. Fi kliem iehor, kien il-mod inkonsult u riskjuz li l-konvenut ghazel jitraversa orizzontalment it-triq li kkreja dik l-emergenza subitanea ghat-traffiku u mhux l-allegat eccess tal-velocita` attribwita lis-sewwieq Anthony Degabriele. Dan kollu hu llustrat mill-i*spot of impact* li jindika bla dubju li l-vettura tal-konvenut, kif sewwa ravvizat mit-Tribunal, kienet gja mahruga fuq in-nofs l-iehor tat-triq transitata f' dak il-mument mill-imsemmi Degabriele. Hu indikattiv ukoll min-natura tad-daqqiet subiti mill-vetturi - il-quddiem tal-*car* ta' Degabriele mal-genb lemini tal-*car* tal-konvenut - u li juru li l-habta sehhet proprju fil-mument meta l-konvenut kien gja beda jew qieghed jitraversa t-triq. L-i*spot of impact* hu konferma ta' din il-konstatazzjoni;

Jidher evidenti hafna illi l-konvenut appellant kien aktar attent ghall-indikazzjonijiet lilu suggeriti minn missieru li kien gja lahaq quddiem fil-post fejn ried jaccedi milli ghal dak li kien qed jissucciedi madwaru, senjatament it-traffiku ghaddej fit-triq principali u fuq kollox l-intenzjonijiet tas-sewwieq Degabriele. Dan qed jigi registrat in kwantu hu car illi l-konvenut naqas mill-obbligu li jaccerta ruhu sew qabel ma ttraversa t-triq biex jilhaq hdejn is-*supermarket* li ebda traffiku ma kien gej mid-direzzjoni tas-sewwieq tal-*car* ta' l-attur. Daqskemm huwa dmir ta' kull konducent li jsuq bi prudenza u dejjem b' attenzjoni, kien certament jinkombi bi grad ferm superjuri fuq min, bhal konvenut, kien intenzjonat jaghmel manuvra ta' traversament ta' triq. Manuvra din pjuttost riskjuza anke ghaliex timporta l-invazjoni tal-kareggjeta fid-direzzjoni mnejn kien ghaddej traffiku iehor. Dan fi triq principali li di regola kienet tikkonsenti lil dan it-traffiku l-iehor l-precedenza;

Fermi dawn l-osservazzjonijiet, ma jidherx li d-diskrezzjoni uzata mit-Tribunal fl-apprezzament tal-provi hi wahda censurabbli. Din il-Qorti, anke in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, ma ssib l-ebda ragunijiet ta' gravita` fil-kaz prezenti li jgeghluha tallontana ruhha mill-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal. Effettivament l-appellanti ma rnexxielux jiddemostra li Anthony Degabriele kien qed isuq b' velocita` sperikolata fuq in-naha zbaljata tat-triq. Ghal kuntrarju l-provi juru illi, kif gja ntqal, kien l-appellanti li mprudentement invadielu t-triq u b' hekk hu l-appellanti li jahti unikament ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali skaturiti minnu;

L-aggravju fuq il-punt tar-responsabilita` qieghed ghalhekk jigi respint;

Kwantu ghat-tieni aggravju dan huwa manifestament fondat in kwantu jidher ovvju illi lit-Tribunal sfuggielu l-fatt illi permezz ta' Nota (fo.29) l-attur irreduca l-kwantum tad-danni ghal elf erba' mija u sebgha u ghoxrin lira u tmintax-

il centezmu (Lm1427.18). Rettament dan l-aggravju mhux kontestat mill-appellat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost billi filwaqt li tichad l-ewwel aggravju fil-meritu tar-responsabilita` tilqa' t-tieni wiehed fis-sens li qed tirreduci l-ammont tad-danni li ghandu jithallas l-appellant ghal elf erba' mija sebgha u ghoxrin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm1427.18,0);

L-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------